# L-ISTAMPA KOLLHA



**EDWARD SCICLUNA** /Minist



**Skont il-Fond Monetarju Internazzjonali t-tbassir finanzjarju u ekonomiku għad-dinja huwa wieħed pożittiv**

Fil-messaġġ tiegħu ta' tmiem is-sena, il-Papa Franġisku tkaża xi ftit bil-midja, fis-sens li l-aħbarijiet fil-ġurnali, fuq ir-radju, fuq it-televiżjoni, fuq l-Internet u x'naf jien, ikunu kważi dejjem negattivi. Jgħidulna dwar qtil, diżastri, bombi, gwerer, terroriżmu, kriminalità … iżda l-affarijiet sbieħ, li wkoll jiġru spiss fil-ħajja ta' kuljum tan-nies, tal-pajjiżi u tad-dinja, spiss jiġu mwarrbin. Il-Papa appella lill-midja biex jagħtu aktar spazju lil stejjer pożittivi u li jispiraw lin-nies biex jikkontrobilanċjaw il-prevalenza tal-ħażen, tal-vjolenza u tal-mibegħda fid-dinja.

Sfortunatament, huwa minnu li l-midja tispekula u tħawwar l-istejjer. Iżda tagħmel dan għax hemm suq li jrid proprju dan. Is-suq jiddetta: dak li l-aktar li jfittxu li jaqraw, jisimgħu u jaraw in-nies huwa dak li l-midja tfittex li tagħtihom. Allura, fl-aħħar mill-aħħar, huwa aħna stess li qegħdin nitolbu lill-midja biex tagħtina ċerti aħbarijiet u mhux oħrajn.

Nisimgħu l-ħin kollu b'ajruplani li jiġġarrfu, karozzi li jaħbtu, u b'nies li jitilfu ħajjithom. Il-ħajja, iżda, m'hijiex hekk biss. Jista' jagħti l-każ li l-periklu li jista' jkun jeżisti nonfħuh f'moħħna iktar milli fil-fatt ikun fir-realtà. Barra minn dan, kultant meta tħares lejn dawn l-aħbarijiet "koroh" b'mod aktar oġġettiv, tirrealizza li fil-fatt ma jkunux koroh daqskemm ikunu qegħdin jiġu ppreżentati lilna. Bosta studji wrew li n-natura tagħna ta' bnedmin tagħmilna aktar inklinati li ninteressaw irwieħna fit-theddida minn affarijiet ħżiena milli fi prospetti ajbin għall-ġejjieni.

> *Aħbar trid tkun kapaċi tpoġġiha fil-kuntest tagħha biex tkun tista' tagħmel il-ġudizzju tiegħek*

Il-midja għandhom ħabta jiffukaw fuq pajjiż jew avveniment sakemm ikunu qegħdin jiġru affarijiet li huma attraenti biżżejjed għall-udjenza tagħhom. Malli l-affarijiet "jinnormalizzaw", il-kameras u l-mikrofoni jduru fuq xi mkien ieħor. Skont it-teorija magħrufa bħala agenda setting, il-midja tal-massa jinfluwenzaw il-mod kif l-udjenza tipperċepixxi d-dinja skont il-mod kif il-midja jagħżlu x'jikkostitwixxi jew ma jikkostitwixxix aħbar, u skont kull aħbar partikulari kemm tingħata spazju u prominenza.

Xi kultant insibu quddiem wiċċna aħbarijiet li jistgħu jidhru li jikkuntrarjaw lil xulxin, u kważi kważi wieħed tiġih it-tentazzjoni jistaqsi jekk il-midja humiex jgħixu fl-istess dinja. Jiġri hekk anke fil-qasam tal-finanzi u l-ekonomija.

### X'TAQBAD TEMMEN?

Nisimgħu, per eżempju, li s-suq azzjonarju fiċ-Ċina waqa' b'ħamsa jew sitta fil-mija – diżastru kbir, b'effetti li jistgħu jinħassu mal-erbat irjieħ tad-dinja. Fl-istess ġurnata, il-Fond Monetarju Internazzjonali qal li t-tbassir finanzjarju u ekonomiku għad-dinja huwa wieħed pożittiv. X'taqbad temmen: li riesqa lejna tempesta qalila jew li d-dinja qed tara raġġ ta' tama? Ma jfissirx li aħbar bilfors teskludi lill-oħra.

Sfortunatament, spiss ikun diffiċli għal min ikun qed isegwi l-aħbarijiet bla ma jkun iżomm ruħu aġġornat dwar dak is-suġġett partikulari kontinwament biex jagħmel ġudizzju tajjeb.

Dan bħalma jiġrilna fil-konfront tal-prezzijiet. Meta l-affarijiet ikunu skarsi, il-prezz tagħhom jogħla.

—Iżda wieħed ikun irid jistenna li jgħaddi ftit taż-żmien biex ikun jista' jagħmel ġudizzju dwar jekk ikunx hemmx inflazzjoni jew inkella jekk dak l-għoli fil-prezzijiet ikunx biss momentanju.

L-istess storja meta niġu biex inħarsu fit-tul lejn it-tbassir ekonomiku. Min jgħid ħaġa u min jgħid oħra.

Huwa għalhekk importanti li wliedna jiġu edukati, li jmorru l-iskola u jibqgħu jistudjaw, għax iktar ma tkun studjajt iktar tkun kapaċi tuża moħħok quddiem dak kollu li jkun qed iseħħ madwarek.

Din m'hijiex kwistjoni ta' jekk temminx l-aħbarijiet jew le, imma li aħbar tkun kapaċi tpoġġiha fil-kuntest tagħha biex tkun tista' tagħmel il-ġudizzju tiegħek. B'hekk tkun tista' tieħu deċiżjonijiet infurmati tajjeb fix-xogħol, fix-xiri ta' darek, u fl-investimenti li tagħmel. Huwa importanti li ma tiġix influwenzat bl-aħbarijiet ta' dak il-mument biss, u li tħares iktar fit-tul b'mod oġġettiv ħalli fil-ħajja tiegħek tkun tista' tieħu deċiżjonijiet aħjar fil-kuntest li tkun qed tgħix fih.

## Grazzi lill-Mission Fund

Sur Editur,

Nixtieq nirringrazzja lill-Mission Fund għall-offerta li rċevejt mingħandhom biex inkun nista' ngħin lill-foqra tal-parroċċa tagħna, intitolata "Paròquia Cristo Sacerdote", li tinsab fil-belt metropolitana ta' Apucarana, fin-naħa ta' fuq ta' Paranà, il-Brażil, u li tagħha (ta' din il-parroċċa) jiena qiegħed naħdem bħala viċi-kappillan.

Parti minn din l-offerta marret għand il-Moviment tal-Vicentini, li dawn għandhom lista tal-familji l-aktar fqar li għandna jew jinsabu fil-parroċa tagħna. Parti oħra marret fl-istituzzjoni msejħa 'Casa de Misericòrdia', li huwa post speċjali u organizzazzjoni mmexxija minn lajċi - fejn dawn jieħdu ħsieb, jorganizzaw u jmantnu madwar 90 - 100 persuna li huma vvizzjati fid-droga u l-alkoħoliżmu.

Ħafna drabi dawn jew imkeċċijin mid-dar minħabba dawn il-problemi. Bosta minnhom ħallew il-mara u t-tfal warajhom, u minħabba din il-problema jinsabu mnikktin ħafna. Hemm irġiel ta' kull età, xi wħud minnhom żgħażagħ, oħrajn adulti u oħrajn anzjani u morda.

Din l-istituzzjoni hi ta' benefiċċju kbir għas-soċjetà u tiddependi ħafna fuq il-karità tan-nies. Imma niżżu ħajr lil Alla, dejjem irnexxielha żżomm fuq saqajha u timxi 'l quddiem.

Huma stess tgħallmu u saru jafu jagħmlu ħafna affarijiet bħal "jaħmu l-ħobż", inaddfu l-post sewwa - l-post sabiħ u kbir u mdawwar bis-siġar, jieħdu ħsieb xi annimali li jrabbu, u s'intendi jagħmlu l-kafè ta' filgħodu, eċċ, eċċ.

Huma għandhom ukoll ħinijiet għat-talb u għandhom anke kappella sabiħa li ddedikata lil San Franġisk. Inqaddsulhom ta' spiss, darba fil-ġimgħa, u għandhom xi ħinijiet oħra ta' talb, ta' edukazzjoni u anke għar-rikreazzjoni.

Nirringrazzja ħafna lill-Mission Fund tal-Mosta u jkun apprezzat ħafna meta weħed jibgħatilhom boli wzati jew donazzjonijiet biex dawn ikunu jistgħu jgħinu lill-missjunarji Maltin barra minn Malta. Kull informazzjoni dwar dan tistgħu ssibuha fis-sit elettroniku: www.mission-fund.org.mt.

Nirringrazzja ħafna lilek, Sur Editur, waqt li nawgura lill-qarrejja kollha Sena Ġdida - 2016 ta' prosperità u attivitajiet ġodda.

PE. LUCAS AZZOPARDI
Apucarana, il-Brażil



**Opinjonijiet u Ittri**

Huma ppreferuti li l-ittri lill-ġurnal ma jkunux twal ħafna. Madankollu, Opinjoni espressa f'madwar 500 kelma tiġi aċċettata għal din il-paġna sakemm tkun iffirmata.